

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

2006/2061(INI)

1.6.2006

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

għall-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel

dwar strateġija tematika għall-ambjent urban
(2006/2061(INI))

'Rapporteur' għal opinjoni: Gisela Kallenbach

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jitlob lill-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza ta' l-Ikel, bħala l-Kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Japprova r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni li jittieħed approċċ integrat għall-ġestjoni ta' l-ambjent urban u juri l-fehma li, jekk jiġi applikat fuq livell lokali bl-appoġġ ta' l-Istati Membri, dan l-approċċ għandu jittieħed bħala wieħed mill-kriterji għall-ġhotti ta' riżorsi mill-Fondi Strutturali u ta' self mill-Bank Ewropew għall-Investimenti;
2. Jikkunsidra li l-Proġett għat-Trasport Urban Sostenibbli għandu jinkludi l-promozzjoni tat-trasport pubbliku, appoġġjat mill-finanzjament ta' l-UE għal proġetti ta' infrastruttura għat-trasport pubbliku bħalma huma s-sistemi li fihom wieħed jipparkja u jirkeb it-trasport pubbliku mill-istess post, l-introduzzjoni ta' metodi ta' trasport li jagħmlu anqas ħsara lill-ambjent u l-bini ta' passaġġi għar-roti;
3. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tissimplifika l-obbligi tan-notifika ta' l-awtoritajiet lokali skond id-dispożizzjonijiet kurrenti ta' l-UE dwar l-ambjent billi tiġi introdotta formola waħda integrata għan-notifika, b'hekk titnaqqas il-burokrazija;
4. Jikkunsidra vitali għall-Kummissjoni li tfejji lista ta' indikaturi fil-linji gwida tekniċi msejsa fuq l-obbligi u l-miri kurrenti skond il-leġislazzjoni rilevanti u eżistenti ta' l-UE dwar l-ambjent; barra minn dan, huwa tal-fehma li kunċetti integrati għandu jkollhom miri li jistgħu jitkejlu;
5. Jitlob lill-Istati Membri li jadottaw miżuri sabiex jitnaqqas l-użu ta' l-artijiet, u b'mod partikulari li fil-programmi tagħhom ta' l-iżvilupp urban jillimitaw l-iżviluppi fl-inħawi agrikoli u jestenduhom fl-inħawi urbani; kif ukoll li jħarsu l-oqsma ħodor eżistenti bħalma huma l-ġonna urbani u r-riżervi naturali;
6. Jilqa' l-għan tal-Kummissjoni li tippromwovi l-iskambju ta' l-aħjar prattiki ma' l-UE kollha u jipproponi li, sabiex jiġu evitati żbalji fl-iżvilupp urban fil-futur, jitħeġġeġ ukoll skambju onest u apert ta' esperjenzi negattivi, permezz ta' kampanji – li jistgħu jitmexxew minn assoċjazzjonijiet tal-bliet – iddestinati kemm għall-uffiċjali ċivili u kemm għar-rappreżentanti eletti, u jappoġġja l-ħidma tal-Kummissjoni dwar it-twaqqif ta' portal tematiku ta' l-Internet għall-awtoritajiet lokali; .
7. Jenfasizza s-sinifikat ta' riċerka rigward il-politika urbana, inklużi kwistjonijiet relatati mal-provvisti ta' l-elettriku u tal-gass, it-tiġin u l-arja kkundizzjonata u t-trattament ta' l-iskart, u jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' ddaħħal dispożizzjonijiet speċifiċi li jittrattaw din il-kwistjoni fis-7 Programm Qafas dwar ir-Riċerka;
8. Jikkunsidra ta' importanza kbira l-appoġġ għal netwerk ta' punti fokali nazzjonali dwar kwistjonijiet urbani, bħalma huwa n-Netwerk Ewropew għall-Għarfien Urban, u jilqa' l-kontinwazzjoni ta' l-appoġġ għall-programm URBACT fil-qafas tal-politika ta' koeżjoni proposta għall-2007-2013;

9. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tidħol aktar fid-dettal rigward is-sinifikat tar-relazzjonijiet bejn il-bliet u l-inħawi ta' madwarhom għall-iżvilupp urban sostenibbli li jikkontribwixxi għall-koeżjoni globali ta' l-UE u f'dan ir-rigward, jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri li jippromwovu dan l-iżvilupp urban sostenibbli;
10. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tikkunsidra l-irwol taċ-ċittadini kkonċernati fl-implimentazzjoni ta' kunċetti dwar żvilupp urban sostenibbli;
11. Jinkoraġġixxi lill-Kummissjoni biex tagħmel reviżjoni intermedja dwar l-implimentazzjoni tal-linji gwida tekniki fir-rigward tal-konsultazzjoni ta' l-2009.

NOTA SPJEGATTIVA

F'inħawi urban jgħixu xi 80 fil-mija tal-popolazzjoni ta' l-Ewropa. Dan inevitabilment għandu impatt serju fuq l-ambjent. Bil-preżentazzjoni ta' l-istrateġija tematika dwar l-ambjent urban, il-Kummissjoni qed tipprowa ttejjeb il-kundizzjonijiet ambjentali tal-bliet ta' l-Ewropa. Din l-istrateġija hija waħda minn seba' strateġiji maħsuba skond is-6 Pjan ta' Azzjoni għall-Ambjent intiż sabiex jgħaqqad flimkien id-diversi pjani individwali eżistenti biex jinħoloq approċċ integrat.

Il-bliet jikkostitwixxu forza prinċipali għat-tkabbir u l-impjiegi.¹ F'dan is-sens, il-bliet jikkompetu wkoll ma' xulxin f'ħidma biex jattiraw investituri jew fil-bini ta' djar sbieħ. L-użu bla rażan ta' l-artijiet fl-UE bir-rata ta' 120 ettaru/jum imur kontra l-iżvilupp sostenibbli. L-inħawi disponibbli fl-ibliet għal miżuri kumpensatorji skond id-dispożizzjonijiet għall-ħarsien ta' l-ambjent għalhekk qed jinstabu dejjem anqas. Għalhekk, meta jiġu allokati r-riżorsi tal-Fond Strutturali, għandha tingħata preferenza għall-utilizzazzjoni ta' l-art li diġà qed tiġi użata u ta' nħawi urbani. Dan l-aspett ambjentali għandu jiġi kkunsidrat fit-tfassil tal-pjanijiet qafas nazzjonali u tal-programmi operattivi. Kunċetti integrati għall-politika ambjentali lokali inklużi l-pjani għat-trasport pubbliku urban li jkun sostenibbli għandhom jingħataw prijorià fl-allokkazzjoni tal-fondi strutturali.

Huwa vitali li l-Kummissjoni tinkorpora lista ta' indikaturi ewlenin xierqa fil-linji gwida tekniki sabiex tkun tista' tkejjel is-suċċess ta' l-istrateġija tematika. Indikaturi u sistemi ta' evalwazzjoni fl-UE kollha huma meħtieġa biex ikunu jistgħu jitqabblu problemi u riżultati. Jgħinu wkoll biex tiġi ddefinita l-linja ġenerali li trid tittieħed dwar in-nefqa, l-ippjanar u l-iżvilupp għall-futur. Parteċipazzjoni komprensiva pubblika fl-istadji ta' l-ippjanar u ta' l-evalwazzjoni toffri l-opportunità li titqajjem kuxjenza dwar l-oġettivi u s-sustanza tal-politika Ewropea.

F'dan ir-rigward, huwa ta' ħasra li l-Kummissjoni mhix qed tagħti attenzjoni biżżejjed għall-irwol ta' l-imsieħba soċjali fl-implimentazzjoni b'suċċess ta' kunċett integrat għall-politika ambjentali lokali. Oġettivi ta' politika għandhom l-akbar possibiltà li jirnexxu jekk jiġu mfassla u implimentati flimkien maċ-ċittadini kkonċernati u b'hekk issir possibbli identifikazzjoni pubblika akbar ma' l-oġettivi stipulati u mal-miżuri meħuda.

Il-Kummissjoni tonqos ukoll li tagħti kunsiderazzjoni xierqa lis-sinifikat ta' interattività bejn il-bliet u l-inħawi ta' madwarhom. Din hija relazzjoni ta' natura simbjotika: kollegament ta' trasport pubbliku tajjeb minn u lejn ir-reġjun ta' mad-dawra jnaqqas l-użu tat-trasport individwali fil-belt. Il-ħolqien ta' oqsma ħodor ġewwa l-belt jista' jnaqqas l-eżodu tal-popolazzjoni għall-inħawi ta' mad-dawra. Żoni ħodor rikreattivi madwar il-bliet itejbu l-kwalità tal-ħajja fir-reġjun kollu. Reġjuni urbani u suburbani jenħtieġu strutturi eteroġenji bi ħwienet, djar u opportunitajiet ta' impjiegi biex jitnaqqas il-moviment ta' kommutaturi.

B'mod ġenerali, huwa ta' ħasra li d-dokument finali tal-Kummissjoni ma fadallux ħafna mir-rakkomandazzjonijiet pożittivi li nsibuhom fl-ewwel komunikazzjoni.² B'danakollu għandu

¹ Dokument ta' ħidma tal-Kummissjoni. Politika ta' Koeżjoni u l-bliet, 23 ta' Novembru 2005

² COM(2004)0060.

jintlaqa' tajjeb il-fatt li l-objettivi ta' din l-istrateġija mhumiex se jintlaħqu permezz ta' leġiżlazzjoni ġdida. Ma jeżistix nuqqas ta' objettivi f'dak li jikkonċerna l-awtoritajiet lokali iżda x'aktarx nuqqas ta' konformità ma' l-obbligi eżistenti. Għal din ir-raġuni, l-istrateġija għandha tgħin biex tonqos il-burokrazija billi jiġu kkonsolidati d-diversi obbligi ta' notifikati li għalihom huma suġġetti l-awtoritajiet lokali, f'obbligu ta' notifika integrat u simplifikat.

Għandu jintlaqa' tajjeb il-fatt li l-iskambju ta' esperjenzi għandu jkun inkoraġġit permezz ta' netwerks. Sabiex ma jiżdidux sempliċement il-ħafna banek tad-dejta eżistenti dwar l-aħjar prattiki, għandha tingħata prijorità lill-koperazzjoni prattika. Barra minn dan, l-iskambju ta' esperjenzi negattivi jistgħu jgħinu biex jiġu evitati l-iżbalji.

F'dan ir-rigward, il-ħolqien ta' netwerks għall-ambjent urban huwa ta' importanza partikulari. Għandhom ikunu appoġġjati skond politika ġdida ta' koeżjoni. L-evalwazzjoni ta' esperjenzi akkwistati permezz ta' l-URBACT, netwerk pilota ta' ċentri nazzjonali, tista' sservi ta' blata għal Programm Qafas Ewropew għall-Iskambju ta' Esperjenzi dwar Żvilupp Urban.

L-iżvilupp urban u l-politika għall-ambjent urban huma marbuta mill-qrib ma' l-isfidi soċjali, ekonomiċi, spazjali u demografiċi, għal liema raġuni huma meħtieġa approċċi innovattivi. Konsegwentement, l-inkorporazzjoni mill-ġdid tar-riċerka f'dan il-qasam fis-7 Programm Qafas ta' Riċerka¹ huwa assolutament vitali.

Ir-reviżjoni intermedja ppjanata għall-2009 għandha sservi kemm biex ittejjeb il-kundizzjonijiet ta' l-ambjent urban kif ukoll biex tevalwa l-effettività tar-riżorsi finanzjarji allokat, hekk ikunu jistgħu jinġibdu l-konklużjonijiet xierqa.

¹ COM(2005)0119.

PROĊEDURA

Titolu	Strateġija tematika għall-ambjent urban
Numru tal-proċedura	2006/2061(INI)
Kumitat responsabbli	ENVI
Opinjoni minn Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	REGI16.3.2006
Koperazzjoni aktar mill-qrib - data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	-
'Rapporteur' għal opinjoni Data tal-ħatra	Gisela Kallenbach 22.2.2006
'Rapporteur' ta' opinjoni preċedenti	-
Eżami fil-kumitat	25.4.2006
Data ta' l-adozzjoni	30.5.2006
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 28 -: 1 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Stavros Arnautakis, Elspeth Attwooll, Jean Marie Beaupuy, Jana Bobošíková, Graham Booth, Hanna Foltyn-Kubicka, Gerardo Galeote Quecedo, Eugenijus Gentvilas, Zita Gurmai, Marian Harkin, Konstantinos Hatzidakis, Alain Hutchinson, Mieczysław Edmund Janowski, Gisela Kallenbach, Constanze Angela Krehl, Jamila Madeira, Miroslav Mikolášik, James Nicholson, Lambert van Nistelrooij, Jan Olbrycht, Markus Pieper, Francisca Pleguezuelos Aguilar, Elisabeth Schroedter, Grażyna Staniszewska, Margie Sudre
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Jan Březina, Den Dover, Mojca Drčar Murko, Emanuel Jardim Fernandes, Nikolaos Vakalis
Sostituti(i) (skond l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	-
Kummenti (disponibbli b'lingwa waħda biss)	...